MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 21/2012

**Aplan Limited [C-2450]**

**Vs**

**Pamela Demanuele [K.I. Nru. 362983M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-18 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' seba' mija disgha u sittin euro u sebgha u ghoxrin centezmu ta' euro [€769.27] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija disgha u sittin euro sebgha u ghoxrin centezmu (€769.27) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma *computer hardware* mixtri minghand is-socjeta attrici skont kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta mid-data tal-konsenja li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-konvenuta Pamela Demanuele** imressqa fl-1 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha, l-imsemmija konvenuta sostniet:

“Il-konvenuta qieghda tissolleva s-segwenti eccezzjonijiet in kontestazzjoni ta’ l-azzjoni attrici:

i. ILLI fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

ii. ILLI fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kreditu pretiz mis-socjeta attrici ma jezistiex;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji taghha”;

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta attrici fl-24 ta’ April, 2012 u li permezz taghha s-sorte mitlub gie ridott ghas-somma ta’ tlett mija u sebga’ euro u erbgha u disghin centezmi ta’ euro (€307.94);

Ra l-verbal tal-20 ta’ April, 2012 fejn il-konvenuta, wara li gie ridott is-sorte mitlub originarjament fit-talba taghha ghal €307.94, ammettiet it-talba kif ridotta.

Ra ukoll li skond l-istess verbal il-partijiet qablu li kulhadd ihallas l-ispejjez tieghu;

Ra l-imsemmi verbal tal-24 ta’ April, 2012 minfejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum wara li l-partijiet trattaw il-kwistjoni tal-imghaxijiet u cioe minn meta ghandhom jiddekorru;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Il-konvenuta xtrat u akkwistat minghand is-socjeta attrici *notebook* HP Pavilion DV6-1333SA minghand is-socjeta attrici fl-10 ta' Dicembru, 2009 ghal prezz ta' seba' mija disgha u teltin euro (€739) u dan skond ma jirrizulta mid-dokument esebit mir-rapprezentant ta' l-istess socjeta attrici fis-seduta tal-24 ta' April, 2012 (Dok. CE 1 a fol. 13);

2. Ra li mill-*istatement of account* jirrizulta li l-ammont li ghadu dovut huwa ta' €307.94 (Dok. CE 2 a fol. 14). Skond dan l-istatement, l-ahhar pagament sar fid-9 ta' Awissu, 2010 u li minn dak-in-nhar sal-lum ma sar l-ebda pagament iehor.

3. Ra l-ammissjoni tal-konvenuta ghal dan l-ammont u dan skond ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' April, 2012.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi ghar-rigward ta' l-eccezzjoni mqanqla mill-konvenuta tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 fiti hemm xi tghid u dan in vista ta' l-ammissjoni tat-talba da parti taghha wara li l-ammont tas-sorte originarjament mitlub gie ridott fis-seduta ta' l-24 ta' April, 2012. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

5. L-istess haga dwar it-tieni eccezzjoni taghha. Irrizulta li hemm ammont dovut u li dan l-ammont huwa ta' €307.94. Ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni qeghda tigi michuda.

6. Illi in vista ta’ din l-ammissjoni t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-kawza giet ppruvata u li l-ammont dovut u li ghandu jithallas mill-konvenuta lis-socjeta attrici huwa ta’ tlett mija u seba’ euro u erbgha u disghin centezmi ta’ euro (€307.94).

7. Ra li l-unika kwistjonijiet bejn il-partijiet, skond ma jirrizulta mill-verbal tal-24 ta’ April, 2012 hija biss dwar il-kwistjoni ta’ l-imghaxijiet u cioe minn meta ghandhom jibdew jiddekorru.

8. Ra li l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jitkellem dwar minn meta ghandhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet. Dan l-artikolu tal-ligi jghid hekk:

***1141.*** *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak innhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F’ kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

9. Illi l-obbligazzjoni bejn il-kontendenti ma hijiex wahda ta’ natura kummercjali u cioe bejn zewg negozjanti izda hija ta’ natura civili u allura f’dan il-kaz l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta’ meta l-konvenuta giet msejha thallas b’att gudizzjarju. Fil-kaz tal-lum, dan l-att gudizzjarju hija t-talba li giet intavolata fit-18 ta’ Jannar, 2012.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi in vista ta’ l-ammissjoni tal-

konvenuta, jichad l-eccezzjonijiet kollha taghha, nkluz dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16, jilqa t-talba tas-socjeta attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija u seba' euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro (€307.94) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u seba' euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro (€307.94) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-18 ta' Jannar, 2012.

Dwar l-ispejjez – in vista ta' dak verbalizzat fis-seduta tal-24 ta' April, 2012 – kulhadd ihallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------